MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1999/2002

***Maltacom p.l.c.***

***vs***

***Philip Toledo Ltd***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Dicembru 2001, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tnejn u sebghin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm172.50c) rappresentanti hlas ghal diversi servizzi ta' approvazzjoni ta' tip dwar taghmir tat-telekommunikazzjonijiet bejn it-3 ta' Settembru 1998 u

t-30 ta' April 2001, liema servizz gie rez mis-socjeta' attrici ai termini ta' l-Avvizi Legali 219 u 220 ta' l-1998.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Dicembru 2001 kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha hija ecceppiet illi fl-ewwel lok l-attur ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-konvenut, fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-attur ma esegwiex il-funzjonijiet li taghhom jista' jitlob hlas skond il-ligi, u fl-ahharnett il-ligi tipprovdi ghal pagament ta' *Type Approval* biss u kwindi ma jaghmilx sens legali apparti li huwa inekwu li jigi mitlub hlas kull darba li jssir l-importazzjoni ta' oggett li tieghu jkun diga' sar l-hekk imsejjah *Type Approval*.

Sema' x-xhieda ta' l-Inginier Joseph Agius ghan-nom tas-socjeta' attrici li ezebixxa *invoice* relattiv ghal kaz, li giet immarkata bhala Dokument MP1, kif ukoll elenku tax-xogholijiet illi saru. Illi l-istess xhud iddikjara illi ai termini ta' l-avvizi legali li igibu n-numri 219 u 220 ta'l-1998, s-socjeta' attrici tirrendi servizz ta' *Type Approval* ghan-nom tar-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet.

Illi s-socjeta' konvenuta baqghet ma ressqitx provi in sostenn ta' l-eccezzjonijiet sollevati minnha u ghalhekk l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.
Ikkunsidra:

Illi s-socjeta' attrici qieghdha titlob il-hlas ghal-ghoti tas-servizzi ta' approvazzjoni ta' tip ta' taghmir moghti lis-socjeta' konvenuta bejn it-3 ta' Settembru 1998 u t-30 ta' April 2001 u dana kif jirrizulta mill-*invoice* pprezentata mill-Inginier Joseph Agius immarkata bhala Dokument MP1.

Illi s-socjeta' konvenuta qieghdha tecepixxi fl-ewwel lok illi hija ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici, izda provi f'dan ir-rigward ma ressqitx u lanqas gie indikat il-bazi legali ta' din l-eccezzjoni.

Illi s-socjeta' attrici qieghdha ssostni illi s-servizz mertu tal-kawza, jinghata in forza ta' l-Avvizi Legali 219 u 220 ta' l-1998. Illi f'dan ir-rigward ser issir referenza ghas-sentenza

moghtija mit-Tribunal, kif diversament ippresjedut fl-ismijiet Maltacom plc vs ICL Malta Limited tal-4 ta' Gunju 2002, fejn gie deciz illi *"s-servizz qieghed jinghata esklussivament mis-socjeta' attrici u mhux mir-Regolatur tat-Telekommunikazzjonijiet (illum Malta Communications Authority). Sahansitra l-ghoti ta' approvazzjoni kien mehtieg ex lege. Il-jedd ghall-hlas jiddependi mill-ghoti ta' servizz. "*

Illi mix-xhieda moghtija mill-Inginier Joseph Agius irrizulta illi s-servizz mertu tal-kawza li tieghu qieghed jintalab il-hlas gie rez esklussivament mis-socjeta' attrici ghalkemm dan isir ghan-nom tar-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet (illum *Malta Communications Authority*) u dana ai termini ta' dak dettat mill-ligi. Illi ghalhekk il-jedd ghal hlas tispetta lilha u l-ftehim bejn is-socjeta' attrici u r-Regolatur hija *res inter alios acta* ghas-

socjeta' konvenuta. Illi ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

Illi f'din il-kawza saret referenza ghax-xhieda moghtija mill-Inginier Agius fil-kawza *Maltacom plc vs General Electric & Mechanical Co. Ltd.*, fejn dan ix-xhud spjega l-mod kif is-servizz in kwistjoni jigi rez mis-socjeta' attrici. L-inginier Agius jixhed illi s-socjeta' attrici jaghmlu testijiet, skond il-ligi, biex jivverifikaw jekk hemmx xi strument ta' telekomunikazzjoni li jista' jaghmel hsara lis-sistema kollha tat-telekomunikazzjoni u dana skond regolamenti mahruga mill-Unjoni Ewropeja. Dawn it-testijiet isiru hekk kif kwalunkwe strument ta' telekomunikazzjoni jidhol Malta. Sabiex l-istess strument jew apparat jigi rilaxxjat mill-Kontrollur tad-Dwana irid ikollu certifikat mahrug mis-socjeta' attrici f'isem ir-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet illi l-istess strument huwa idoneju sabiex jigi utilizzat fis-sistema tat-telekomunikazzjoni lokali. Kif jinhareg dan ic-certifikat, jinhareg ukoll *release note* mill-ufficjal inkarigat tad-Dwana, li permezz tieghu huwa jkun gie moghti istruzzjonijiet sabiex l-istess apparat ikun jista' jigi rilaxxjat minn idejn il-Kontrollur tad-Dwana.

Huwa jkompli jispjega illi meta persuna tkun trid timporta apparat tat-telekomunikazzjoni, hija trid taghmel applikazzjoni mall-Kontrollur tad-Dwana, li minn naha tieghu johrog licenzja ghall-importazzjoni ta' l-apparat in kwistjoni. Hekk kif jigi importat l-apparat, is-socjeta' attrici tkun trid taghmel it-testijiet necessarji u r-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet johrog l-approvazzjoni tieghu ghall-importazzjoni ta' l-istess apparat. Timtela r-*release form* biex b'hekk l-apparat jigi rilaxxjat mid-Dwana.

Huwa jispjega illi xoghol s-socjeta' attrici huwa li jaghmel it-testijiet necessarji fuq l-apparat li jkun qed jigi importat. Dawn it-testijiet generalment jiehdu ftit sighat biex isiru. Huwa jispjega illi s-socjeta' attrici ma tigiex inkarigata specifikatament minn kull importatur biex isiru dawn it-testijiet, ghaliex dawn it-testijiet iridu jsiru skond il-ligi u ma jistax isir altrimenti. Il-persuna koncernata qatt ma tigi nfurmata minn qabel rigward il-hlasijiet illi iridu jsiru ghas-servizz, u dana peress illi s-servizz irid isir skond il-ligi u ghalhekk it-talba ghal hlas issir wara li jkun inghata s-servizz. It-testijiet isiru fuq talba maghmula lis-socjeta' attrici mir-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet u dana skond l-avvizi legali indikati fl-avviz, specifikatament in-numru 220. Il-kontijiet jinharrgu minn naha tas-socjeta' attrici u mhux mir-Regolatur ghaliex dan isir skond arragament bejn is-socjeta' attrici u l-istess Regolatur.

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni u cioe' illi s-socjeta' attrici ma esegwietx il-funzjonijiet li taghhom tista' titlob il-hlas, f'dan ir-rigward ukoll s-socjeta' konvenuta naqqset li tressaq il-provi taghha. Mix-xhieda ta' l-Inginier Joseph Agius (liema xhieda ma gietx kontradetta), irrizulta illi nghata s-servizz ta' *Type Approval* in konnessjoni ma' l-apparat elenkat fil-lista annessa mad-Dokument MP1 bil-mod kif indikat fix-xhieda ta' l-istess Inginier Agius. Illi ghalhekk fin-nuqqas  ta' provi minn naha tas-socjeta' konvenuta u fid-dawl tax-xhieda moghtija mill-Inginier Joseph Agius li kkonferma illi servizz inghata fuq l-apparat elenkat li kien jappartjeni lis-socjeta' konvenuta, din it-tieni eccezzjoni lanqas ma tista' tigi milqugha.

Illi finalment s-socjeta' konvenuta eccepiet illi l-ligi tipprovdi ghal pagament ta' servizz ta' *Type Approval* biss u kwindi ma jaghmilx sens legali apparti li huwa inekwu li jigi mitlub il-hlas kull darba li ssir l-importazzjoni ta' oggett li tieghu jkun diga sar l-hekk imsejjah *Type Approval*. Illi anke f'dan ir-rigward is-socjeta' konvenuta naqqset li ssostni din l-eccezzjoni u anke naqqset li tindika taht liema disposizzjoni tal-Ligi hija qieghdha tissolleva din l-eccezzjoni. Illi rrizulta illi l-hlasijiet ghas-servizzi moghtija dejjem jintalbu ai termini ta' dak dettat mill-ligi u cioe' fl-avvizi legali ta' l-1998 u specifikatament l-Artikolu 2 ta' l-Avviz Legali numru 220 fejn jinghad:

*"Ghandu jithallas lir-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet dwar is-servizzi stipulati fl-Ewwel Kolonna ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, id-dritt stabbilit fit-Tieni Kolonna ta' l-istess Skeda ghar-rigward ta' kull servizz."*

Dan l-avviz legali ghalhekk jiffissa d-drittijiet li jridu jithallsu ghall-Approvazzjoni ta' Tip dwar Taghmir tat-Telekomunikazzjonijiet, bhal sett telefoniku, *answering machine*, *modems*, *fax machines* u apparat simili, liema testijiet saru mis-socjeta' attrici. Illi mix-xhieda prodotta rrizulta illi l-Kontollur tad-Dwana kien jitlob li jinhareg certifikat ta' approvazzjoni ta' *tip*, qabel ma tkun tista' tigi rilaxxjata l-merkanzija mportata u dana anke wara l-emendi bl-Att numru XVIII tas-sena 2000. Illi ghalhekk lanqas din l-eccezzjoni ma tista' tigi milqugha.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tnejn u sebghin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm172.50c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Dicembru 2001 ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**